

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni preliminari tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (2002/58/KE)

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-KEPD  
[www.edps.europa.eu](http://www.edps.europa.eu))

(2016/C 378/09)

### SOMMARJU EŻEKUTTIV

Din l-Opinjoni tiddekrivi l-pożizzjoni tal-KEPD dwar il-kwistjonijiet ewlenin li jirrelataw mar-reviżjoni tad-Direttiva 2002/58/KE dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika), b'risposta għal talba tal-Kummissjoni Ewropea.

Jeħtieġ li jkollna qafas legali ġdid għall-Privatezza Elettronika, iżda jeħtieġ li jkollna wieħed aktar intelliġenti, aktar ċar u aktar b'saħħtu: jeħtieġ li jkollna aktar ċarezza iżda wkoll infurzar aħjar. Għandna bżonnu sabiex niżguraw il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tagħna, li huwa dritt fundamentali stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, jeħtieġ li jkollna wkoll dispożizzjonijiet biex jikkumplementaw, u fejn meħtieġ, jispeċifikaw fattur dettall, il-protezzjonijiet taħt ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR). Barra minn dan, jeħtieġ li nżommu wkoll il-livell ogħla ta' protezzjoni attwali fejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tipprovi aktar salvagwardji speċifiċi mill-GDPR. Id-definizzjonijiet tal-GDPR, l-ambitu territorjali tiegħu, il-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar u l-mekkaniżmi għall-konsistenza, kif ukoll il-possibbiltà li jagħti flessibbiltà u gwida, għandhom ikunu disponibbli għall-Privatezza Elettronika.

L-ambitu tal-qafas legali l-ġdid għandu jiġi estiż. Dan sabiex jitqiesu l-bidliet teknoloġiċi u soċjali u sabiex jiġi żgurat li l-individwi jingħataw l-istess livell ta' protezzjoni għas-servizzi kollha funzjonalment ekwivalenti, irrispettivament minn jekk jingħataw, pereżempju, mill-kumpaniji tradizzjonali tat-telefown, mis-servizzi tal-Voice over IP jew permezz tal-apps għall-messaġġi bil-mowbajl. Tabilħaqq, hemm hteiga li jittieħed pass aktar 'il quddiem u jiġu protetti mhux biss is-servizzi "funzjonalment ekwivalenti", iżda wkoll dawk is-servizzi li joffru opportunitajiet ġodda għall-komunikazzjoni. Ir-regoli l-ġodda għandhom ikomplu wkoll mingħajr ambigwiżà sabiex ikopru l-komunikazzjonijiet bejn magna u oħra fil-kuntest tal-Internet tal-Oġġetti, irrispettivament mit-tip ta' netwerk jew mis-servizz tal-komunikazzjoni użat. Ir-regoli l-ġodda għandhom jiżguraw ukoll li l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti jkun protetti fuq in-netwerks kollha aċċessibbli għall-pubbliku, inkluż is-servizzi tal-Wi-Fi fil-lukandi, il-ħwienet tal-kafè, il-ħwienet, l-ajruporti u n-netwerks li jingħataw mill-istartarjiet lill-pazjenti, mill-universitajiet lill-istudenti, u l-hotspots li jinħolqu mill-aministrazzjonijiet pubbliċi.

Kif jirrikjedi l-GDPR, il-kunsens għandu jkun ġenwin u joffri lill-utenti l-libertà li jagħżlu. Ma għandux ikun hemm aktar "cookie walls". Lil hinn minn sett ċar ta' eċċezzjonijiet (bħall-analiċi tal-ewwel parti), l-ebda komunikazzjoni ma għandha tkun soġġetta għall-intraċċar jew għas-sorveljanza mingħajr kunsens mogħti liberament, kemm jekk bil-cookies, bl-apparat tal-marki tas-swaba', jew b'mezz teknoloġiku ieħor. L-utenti għandu jkollhom ukoll mekkaniżmi faċli u effettivi sabiex jipprovdu u jirrevokaw il-kunsens tagħhom fil-brawżer (jew softwer jew sistema operattiva oħra).

Sabiex il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni elettronika tkun protetta aħjar, ir-rekwiżit tal-kunsens attwali għad-dejta dwar it-traffiku u d-dejta dwar il-lok għandu jinżamm u jisaħħaħ. L-ambitu ta' din id-dispożizzjoni għandu jitwessa' sabiex ikopri lil kulħadd u mhux biss lill-kumpaniji tradizzjonali tat-telefown u lill-fornituri tas-servizz tal-Internet.

Ir-regoli l-ġodda għandhom jippermettu wkoll b'mod ċar lill-utenti biex jużaw kriptaġġ min-naħa għall-oħra (mingħajr "backdoors") sabiex jipproteġu l-komunikazzjoni elettronika tagħhom. Id-dekriptaġġ, l-inġinerija bil-maqlub jew il-monitoraġġ ta' komunikazzjonijiet protetti mill-kriptaġġ għandhom jiġu pprojbiti.

Fl-aħħar nett, ir-regoli l-ġodda dwar il-Privatezza Elettronika għandhom jipproteġu kontra komunikazzjonijiet mhux mitluba u għandhom jiġu aġġornati u msaħħa, li jeħtieġu kunsens minn qabel tar-riċevituri għat-tipi kollha tal-komunikazzjonijiet elettroniċi mhux mitluba, indipendentement mill-mezz.

### I. INTRODUZZJONI U SFOND

Din l-Opinjoni preliminari (Opinjoni) hija risposta għal talba tal-Kummissjoni Ewropea (Kummissjoni) lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD), bħala awtorità superviżorja indipendenti u korp konsultattiv, sabiex tagħti opinjoni dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (<sup>1</sup>)

(<sup>1</sup>) Ref. Ares(2016)2310042 – 18.5.2016.

Il-konsultazzjoni tal-KEPD twettqet flimkien ma' konsultazzjoni pubblika organizzata mill-Kummissjoni, li kienet miftuħa sal-5 ta' Lulju 2016 <sup>(1)</sup> Il-Kummissjoni talbet ukoll l-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-Artikolu 29 (WP29), li fih il-KEPD ikkontribwixxa bħala membru sħiħ <sup>(2)</sup>.

Din l-Opinjoni tinkludi l-pożizzjoni preliminari tal-KEPD dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, li tiffoka fuq dawk il-kwistjonijiet fejn l-opinjoni tiegħu tkun intalbet speċifikament mill-Kummissjoni. L-Opinjoni tikkostitwixxi wkoll il-kontribuzzjoni tal-KEPD għall-konsultazzjoni pubblika u bħala tali, tista' tindirizza wkoll kwistjonijiet oħrajn mhux mitluba speċifikament mill-Kummissjoni fit-talba tagħha għal opinjoni. Aħna nistgħu nipprovdwu wkoll aktar pariri fi stadji sussegwenti dwar il-proċedura leġiżlattiva.

Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika hija waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-Istrategġija għal Suq Uniku Diġitali <sup>(3)</sup>, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-fiduċja u s-sigurtà fis-servizzi diġitali fl-UE b'attenzjoni partikolari fuq l-iżgurar ta' livell ta' protezzjoni għoli għaċ-ċittadini u ambjent ekwu għall-parteċipanti kollha tas-suq madwar l-UE.

Ir-reviżjoni tfittex li timmodernizza u taġġorna d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika bħala parti mill-isforz usa' li jingħata qafas legali koerenti u armonizzat għall-protezzjoni tad-dejta fl-Ewropa. Id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tidħol fid-dettall u tikkomplimenta d-Direttiva 95/46/KE <sup>(4)</sup>, li sejra tiġi sostitwita mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) adottat reċentement <sup>(5)</sup> Id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tistabbilixxi regoli speċifiċi, bl-objettiv ewlieni li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-komunikazzjoni elettronika. Din tipproteġi wkoll l-interessi leġittimi tal-abbonati li huma persuni legali.

## XI. KONKLUŻJONIJIET

L-importanza tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta qiegħda tikber bir-rwol akbar tal-komunikazzjoni elettronika fis-soċjetà u l-ekonomija tagħna. Is-salvagwardji msemmijin f'din l-Opinjoni ser ikollhom rwol ewlieni fl-iżgurar tas-suċċess tal-objettivi strateġiċi fit-tul tal-Kummissjoni msemmijin fl-Istrategġija DSM.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2016.

Giovanni BUTTARELLI

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

<sup>(1)</sup> Ara <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/public-consultation-evaluation-and-review-privacy-directive>. Ir-risposta hija disponibbli f: <https://ec.europa.eu/eusurvey/runner/EPRIVACYReview2016>.

<sup>(2)</sup> WP29 Opinjoni 3/2016 dwar l-evalwazzjoni u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (2002/58/KE) (WP240) adottata fid-19 ta' Lulju 2016.

<sup>(3)</sup> "Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà" - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-6 ta' Mejju 2015, COM(2015) 192 finali) disponibbli fuq: <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52015DC0192&from=EN>.

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).